MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 16/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Philip Camilleri talli:

(1) Fil-5 ta’ Gunju, 2005 ghall habta tas-2.30 p.m. fil-Hamrun, flimkien ma’ persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` dak ta’ serq ikkwalifikat minn go residenza privata ta’ anzjana, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-

mezz, lok u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Maria Mangiafico mill-Hamrun;

(2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe` fil-bieb ta’ barra tar-residenza liema hsara tiskorri l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija anqas minn hamsin lira (Lm50) saret ghad-dannu tal-imsemmija Maria Mangiafico;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Philip Camilleri hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263 sa 267, 269, 278, 279, 280, 281 u 325 tal-Kap. 9, ikkundnnatu ghal prigunerija ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Philip Camilleri pprezentat fit-30 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda timmodifikaha in kwantu l-piena inflitta ta’ sena prigunerija tigi mibdula f’piena alternattiva u mhux wahda restrittiva tal-liberta` ta’ l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant jirrigwardaw il-piena. Huwa jqis il-piena nflitta bhala wahda esagerata meta jitqies illi din hija l-ewwel darba li nstab hati ta’ reat ta’ dan it-tip, il-fedina penali tieghu turi li huwa nstab hati biss f’okkazjonijiet ohra ta’ xi kontravvenzjonijiet, huwa ghandu impjieg stabbli li jista’ jitilfu jekk ikollu piena effettiva ta’ prigunerija u li ghalhekk fic-cirkostanzi jitlob li din il-Qorti tikkunsidra li jinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Fil-kaz in ezami l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hija dik stabbilita fil-*proviso* tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-paragrafu (b) ta' l-artikolu 279 ta' l-istess Kap. 9, u cioe` prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjuda bi grad izda, stante li si tratta ta' tentattiv, li giet imnaqqsa mill-ewwel Qorti b'zewg gradi. Dan ifisser li l-piena applikabbli kienet ta' prigunerija minn disa' xhur sa sitt snin. Ma' din il-piena mbaghad trid tizdied minn terz sa nofs tal-piena dwar it-tieni imputazzjoni liema piena hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur. Ghalhekk l-anqas piena li l-ewwel Qorti setghet imponiet fuq l-appellant kienet ta' hdax-il xahar prigunerija u l-oghla sitt snin u tliet xhur. M'hemm l-ebda dubju minn dan kollu illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u kwazi fil-*minimum* possibbli.

Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process, din il-Qorti dehrilha opportun li qabel ma tghaddi ghas-sentenza jithejja *pre-sentencing investigation report* u ghalhekk innominat ghal dan il-fini lis-*senior probation officer* Mariella Camilleri

Mill-imsemmi rapport irrizulta li l-appellant ghandu problema ta' l-abbuz tad-droga u fil-fatt waqt is-sessjonijet li kellu ma' l-imsemmija *senior probation officer* gie riferut gewwa Gubbio fi hdan is-SEDQA. Jidher li huwa ma attendiex ghal diversi appuntamenti li sarulu f'Gubbio u kien biss l-ahhar appuntament li sarlu fis-16 ta' Ottubru 2007 li attenda. Ghalhekk, minhabba n-nuqqas ta' interess li wera, ma setax isirlu pjan ta' kura f'sessjoni wahda. Nonostante dan, gie suggerit fir-rapport li l-

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

appellant jinghata ordni ta' *probation* ghal perijodu massimu ta' tliet snin bil-ghan li huwa jobbliga ruhu li jippartecipa fi pjan ta' rijabilitazzjoni mfassal ghalih li jkun jinkludi programm residenzjali.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din ir-rakkomandazzjoni fid-dawl ukoll ta' dak li xehdet Mariella Camilleri quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2007 li jidher li f'dan il-kaz hemm bzonn ta' certu ammont ta' *coercion* sabiex l-appellant jattendi ghat-trattament mehtieg u anke li l-appellant stqarr maghha li kien lest jidhol fi programm residenzjali jekk ikun mehtieg. F'dawn ic-cirkostanzi u stante li, fortunatament f'dan il-kaz, ma lehaqx sar id-dhul fid-dar li minnha kien se jsir is-serq, u wara li din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant li turi numru ta' kontravvenzjonijiet u tliet kazijiet ta' sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza tas-sigurta`, hija tal-fehma illi ghal din id-darba tista' taghti opportunita` lill-appellant sabiex ifieq mill-vizzju tieghu billi, permezz ta' ordni ta' *probation* jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni, inkluz residenzjali. Fl-istess hin twiddeb lill-appellant li jekk huwa, bl-icken mod, jikser il-kondizzjonijiet tal-*probation*, huwa ser ikollu jiffaccja r-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena u minflok tqieghdu taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, inkluz fost il-kondizzjonijiet dik li jikkompleta programm shih ta' rijabilitazzjoni residenzjali skond il-programm ta' kura li tigi mhejjija ghalih. Din il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant l-effetti ta' l-ordni skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------